# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D

Illum, 21 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Aboya Boa Jean Serge tallum stess abbazi tal-artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet is-sottomissjonijiet tar-rikorrent u tal-Kummissarju tal-Pulizija hekk kif assistit.

Rat il-Legislazzjoni Sussidjarja 420.06, partikolarment ir-Regolament 6 (1) (b) tal-istess Legislazzjoni Susidjarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti wasal f'Malta fl-10 ta' Settembru 2016 u billi kellu fil-pussess tieghu dokumenti foloz intqal lilu li ma kienx ser jinghatalu permess biex jidhol f'Malta. Huwa avza mill-ewwel lill-uffijcali prezenti li hu jorigina mill-Kosta tal-Ivorju u qalilhom ukoll li hu rikonoxxut bhala refugjat fl-Armenja u avza wkoll li kien se japplika ghall-istat tar-refugjat hawn Malta. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern irrizulta wkoll li r-rkorrent kellu wkoll il-passaport f'idejh.

F'din l-istess data inhareg Ordni ta' Detenzjoni bbazat fuq ir-Reg. 6 (1) (b) tal- Legislazzjoni Sussidjarja 420.06. Sar appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni li kkonferma l-legalita' tad-detenzjoni tar-rikorrent.

Illi minn dak li fehmet il-Qorti l-ilment tar-rikorrent hu:

(i) li ma saritx valutazzjoni individwali tar-rikorrent;

(ii) li mhux car x'inhuma fil-kaz tieghu l-'elementi' methiega, u li

(iii) r-riskju ta' harba ma jistax jitqies wahdu', u

(iv) li r-Reg 6 (1) (6) ma jistax jigi interpretat li d-detenzjoni ghandha tkun tul il-process tal-applikazzjoni kollu.

Illi jinghat li sabiex rikorrenti jirnexxi fit-talba tieghu abbazi tal-art. 409A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta irid jirrizulta li l-kontinwazzjoni tal-arrest mhix imsejsa fuq ebda disposissjoni tal-Kodici Krminali jew xi ligi ohra. Minn dak li smeghet u mir-rikors prezentat tqis, li sa certu punt. Qieghed jintalab li jkun hemm evalwazzjoni mill-gdid tad-decizjoni li diga' ttiehdet mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzzjoni. Minn qari tad-decizjoni moghtija mill-istess Bord jidher li l-punti sollevata llum diga' gew trattati quddiemi l-istess Bord.

Fi kwalunkwe kaz, filwaqt li l-Qorti table mal-interpretizzjoni moghtija mir-rikorrent li r-riskju ta' harba msemmi fir-Reg 6 (1) (b) ma jistax jitqies wahdu izda jrid jinqara mal-kumlament tal-istess regolament. Hu evidenti li l-L.S. 420.06 qieghd jipprermetti li jkun hemm ordni ta' detenzjoni mill-Ufficjal Principal ital-immigrazzjoni meta jkun hemm applikazzjoni, bhal dik tar-rikorrent odjern, sabiex jigu dterminati dawk l-elementi li fuqhom hi bbazata l-applikazzjoni u li fin-nuqqas ta' detenzjoni jkun hemm diffikulta' lid an isir. Ir-riskju ta' harba huwa biss wiehed mill-kunsiderazzjonijiet. Waqt it-trattazzjoni gie spjegat li f'dan il-kaz kienu jinhtiegi aktar verifiki u gie spjegat wkoll dwar il-kaz inkwistjoni r-riskju tal-harba tar-rikorrent bil-konsegwenza ghalhekk li l-applikazzjoni ma tkunx tista' tigi determintata. Ghalhekk il-Qorti abbazi ta' dak suespost tqis li l-arres u d-detenzjoni tar-rikorrent fil-fatt hu bbazat fuq dispossizzjoni tal-ligi precizament fuq ir-Reg 6 (1) (b) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 420.06 u ghalhekk ma jistax jinghad li r-rikorrent qieghed jinzamm detenut kontra l-ligi hekk kif presuppost fl-artikolu 490A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-rikors tar-rikorrenti qieghed jigi michud.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Lorianne Camilleri**
**Dep Reg**